MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Numru 409/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**versus**

**Justin Mifsud et**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

1. Justin Mifsud ta’ 19-il sena, bin Michael u Maria Dolores nee Mifsud, imwieled il-Pieta’ fl-24 ta’ Jannar 1986 u residenti 268 Trqi San Ġiljan Birkirkara u li għandu l-ID card bin-numru 56886 (M)

2. Claude Frendo ta’ 22 sena bin Joseph u Maria Dolores nee Caruana, imwieled il-Pieta’ fit-23 ta’ Diċembru, 1982 u residenti 31 Triq il-Musbieħ Naxxar ID card number 31483(M)

3. Darren Tonna ta’ 19-il sena bin Anthony u Emanuela nee Micallef imwieled il-Pieta’ fit-3 t’April, 1986 u residenti Orchidea Triq Karmenu Vassallo Iklin ID 170586(M)

4. Alfred Testa ta’ 18-il sena, bin Anthony u Margaret nee Micallef, imwieled il-Pieta’ fit-30 ta’ Lulju 1986 u residenti Susan Triq it-Torri Wejter Birkirkara ID 351486(M)

5. Matthew Bonnici ta’ 17-il sena bin Mario u Marisa nee Grima imwieled il-Pieta’ fil-11 ta’ Frar, 1988 u residenti 260 F.S.Caruana Street Birkirakara ID 85488(M)

6. Daniel Balzan ta’ 18-ils ena bin Joseph u Rita nee Curmi mwieled il-Pieta’ fil-15 ta’ Novembru 1986 u residenti ‘Kiama’ Triq Maestro Gużeppi Camilleri Birkirkara ID 519886 (M)

7. Carlos Zammit ta’ 19-il sena bin Joseph u Rita nee Colombo imwieled il-Pieta’ fl-4 t’Otturbu 1986 u residenti Dar il-Hena Triq Dun Karm Psaila Birkirkara ID 463186 (M).

Akkużati talli fit-3 t’April, 2005 f’xi ħin wara nofs in-nhar minn ġo karma f’għalqa, fl-inħawi Ta’ Lombardi limit ta’ Marsaxlokk ikkommettew serq ta’ mutur ta’ l-agrikolutra tal-marka Brumi, ċilindu tal-gass u għodda ta’ l-idejn li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira (€233) iżda anqas minn Lm1000 (€2330) għad-detriment ta’ Nazzareno Sapiano u Angelo Sapiano liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur u lok;

Akkużati wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ mobbli jew immobbli ta’ Nazzareno Sapiano u Angelo

Sapiano liema ħsara tammonta għall-aktar minn Lm500 (€1165);

Akkużati wkoll talli fit-3 t'April, 2005 f'dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruq, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew li xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jw imexxuhom;

**Lil Justin Mifsud, Claude Frendo u Darren Tonna weħidhom**

Justin Mifsud, Claude Frendo u Darren Tonna huma akkużati wkoll talli fit-3 t'April, 2005 volontarjament taw in-nar lil kamra f'għalqa fl-inħawi ta' Lombardi limiti ta' Marsaxlokk filwaqt li ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa u din il-kamra kienet qegħda b'mod li ma tistax tqabbad bini ieħor;

**Lil Claude Frendo waħdu**

Akkużat ukoll bi ksur tal-probation ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 (illum Kap 446) tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien instab ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr.Joseph Cassar LL.D. datata 11 ta' Lulju 2002.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u dak ta' l-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrijiet a fol.32 et tad-diversi imputati, il-proċessi verbal a fol.56, ir-rapport a fol.63, il-current incident report a fol.67, ir-rapport tal-Professur Alfred Vella (fol.102), ir-rapport tal-Perit Stephen Buhagiar (fol.115), ir-rapporti magħmula mill-Probation Officers dwar l-imputati (fol.118, 133, 147, 161, 192, 207) u l-verbal tal-21 ta' Novembru 2007 fejn kien dikjarat lik l-aħwa Sapiano kienu rċevew Lm700 (€1631) bħala kumpens.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

***<u>Rat li fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2008 l-imputati kollha ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom</u>***

***<u>barra Claude Frendo li ammetta l-imputazzjonijiet kollha barra l-aħħar imputazzjoni (dwar il-Probation (fol.2)).</u>***

Illi dwar din l-aħħar imputazzjoni jirriżulta li din ma kenitx ordni ta' probation iżda liberta' kondizzjonata kif ukoll li ż-żmien tal-liberta' kondizzjonata kif indikat fil-fedina penali huwa ħażin għax għandu jkun tliet xhur biss u mhux tliet snin. (Ara fol.237). Għalhekk it-tliet xhur kienu għaddew għax ir-reati seħħew ferm wara. Għaldaqstant din l-imputazzjoni ma kenitx ippruvata u l-Qorti qed tillibera lil Claude Frendo minnha.

Stante l-ammissjonijiet li saru l-imputazzjonijiet kontra l-imputati huma ppruvati skond il-Liġi, kull wieħed skond l-imputazzjonijiet li kienu dedotti kontrih. It-tielet imputazzjoni għandha titqies bħala alternattiva għall-ewwel imputazzjoni.

Semgħet ukoll it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur dwar il-piena.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti kkonsidrat li l-imputati ħallsu kumpens lill-allegati vittmi tar-reat tagħhom. Ikkonsidrat ukoll ir-rapport mħejjija mill-Probation Officers dwar l-imputati kif ukoll li l-maġġoranza tagħhom għandhom fedina penali nadifa.

(i) Il-Qorti wara li ra l-artikoli 17(h), 261 (b),(ċ),(e), 263, 267, 271(g), 280(2), 325(1)(a) u 334 tal-Kap 9 fil-konfront ta' l-imputati kollha

(ii) l-artikolu 37 magħdud ma' l-artikoli ta' hawn fuq fil-każ ta' Matthew Bonnici għax kellu anqas minn tmintax-il sena

(iii) l-artikoli 17(b) u 318 tal-Kap 9 fil-konfront ta' Justin Mifsud, Claude Frendo u Darren Tonna magħduda ma' dawk fl-ewwwel sub-inċiż biss;

(iv) l-artikolu 23 tal-Kap 446 fil-konfront ta' Claude Frendo magħdud ma' dawk ta' l-ewwel u tat-tielet subinċiż

Issib lill-imputati ħatja kif ġej:

Lil Alfred Testa, Matthew Bonnici, Daniel Balzan u Carlos Zammit ħatja ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda waqt li mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u stante ċ-ċirkostanzi kollha flok tikkudannhom qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlu ebda reat ieħor (a) fil-każ ta' Matthew Bonnici għal żmien 17-il xahar; (b) fil-każ ta' l-imputati l-oħra għal żmien 24 xahar;

Lil Justin Mifsud, Claude Frendo u Darren Tonna qed issibhom ħatja ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda waqt li mhux tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. Qed tillibera lil Claude Frendo mir-raba' imputazzjoni minħabba li din ma ġietx ippruvata. Il-Qorti, flok tikkundannhom qed tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jagħmlu ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputati bi kliem sempliċi.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 stante li l-esperti nħatru fl-inkjesta li kienet saret qabel is-16 ta' Jannar tas-sena 2006.

Fl-aħħarnett, il-Qorti rat x'intqal minn PS 1386 Anthony Agius a fol.64:

'Fil-vettura CAI-596 ta' l-għamla Toyota li tgħajjatlil Claude Frendo kien hemm xi affarijiet li kienu msiruqin, allegatament, minn karma li kienet ngħatat ftit qabel'

U rat l-artikolu 23 tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

'Il-konfiska tal-*corpus delicti*, ta' l-istrumenti li servew jew li jkun maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksujb bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena

stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija bil-liġi, barra minn meta pesuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti.'

Fid-dawl ta' dak li qal PS 1386 Anthony Agius u ta' dak li tipprovdi l-Liġi, il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-karozza CAI-596. Izda qed tirrakomanda li stante c-cirkostanzi tal-kaz, l-imputat ma ghandux jitlef il-karozza.

Fl-ahhar nett, il-Qorti qed turi l-apprezzament taghha ghas-sehem tal-Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli li wera pacenzja, sensibilita' u sensittivita' kbira matul il-proceduri kollha. Il-Prosekuzzjoni fehmet li qed tahdem ma zghazagh li jistghu jibdlu t-triq u zgur li ghandu jkun ta' ispirazzjoni ghal dawn iz-zghazagh stess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------